**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, tlettax (13) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 578/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

Vs

**Roderick Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Roderick Vella**, iben Francis u Mary Olympia nee Said, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar l-erbgħa (4) ta' Marzu 1986 u residenti "L-Arzella", Trejqa ta' Majża, Nadur, Għadex detentur tal-karta tal-identita numru 9886(G) talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta'

Ġunju 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar (17:20hrs) fi Triq ir-Ramla, Nadur, Għawdex:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Jimmy Said, liema offiża ma ġabitx il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali;[1]

(2) saq il-vettura ta' għamla Kentoya Sinner bin-numru ta' reġistrazzjoni KCE 729 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża.[2]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

---

[1] Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża kienet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f'dan il-każ huma s-segwenti: nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30hrs), il-Pulizija ġew infurmati li kien seħħ inċident stradali fi Triq ir-Ramla, Nadur, Għawdex u li kien hemm xi ħadd li kien weġġa' konsegwenza ta' dan l-inċident. Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post fejn stabbilew li kienet seħħet ħabta bejn żewġ muturi bin-numri tar-reġistrazzjoni HCA 692 u KCE 729 rispettivament. Il-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni HCA 692 kien qiegħed jiġi misjuq minn Jimmy Said. Lil Said pero l-Pulizija ma sabuhx fuq il-post peress li huwa ġia kien ġie meħud l-Isptar għall-kura. Il-mutur l-ieħor bin-numru tar-reġistrazzjoni KCE 729 kien qed jiġi misjuq mill-akkużat Roderick Vella. Rigward id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, ġie stabbilit li Vella bil-mutur tiegħu KCE 729 kien ġej minn Triq ix-Xemmiex għal Triq ir-Ramla filwaqt li Said kien għaddej minn Triq ir-Ramla. Il-ħabta bejn iż-żewġ muturi seħħet fl-inkroċju ta' bejn dawn iż-żewġ triqat. Vella ma tilifx il-bilanċ minn fuq il-mutur u baqa' għaddej. Said min-naħa l-oħra spiċċa tilef il-bilanċ, waqa' minn fuq il-mutur u tkaxkar għal xi metri. Riżultat ta' dan l-inċident Said soffra ksur f'wieħed mis-swaba' tal-lemin ta' idejh u anke ksur fil-pala tas-sieq.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9</u>**

Biex tirriżulta l-offiża kontemplata f'din l-ewwel imputazzjoni huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[3]

Il-Qorti għalhekk għandha qabel xejn teżamina d-dinamika tal-inċident biex jiġi stabbilit jekk jeżistix dan in-ness ta' kawżalita fis-sens jekk jistax jingħad li kien l-akkużat li ikkawża s-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan għaliex fin-nuqqas ta' dan in-ness din l-imputazzjoni ma tistax tirriżulta.

Il-Qorti fliet fid-dettal l-atti u ma tqisx li dan in-ness ta' kawżalita irriżulta għall-fini ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilita kriminali. Il-Qorti mhix

[3] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

konvinta li l-akkużat kien il-kawża ta' dan is-sinistru stradali. Il-Qorti wasslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti raġunijiet:

(a) mill-filmat Ii ġie esebit jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li l-akkużat hekk kif qorob l-inkroċju ta' bejn Triq ix-Xemmiex u Triq ir-Ramla, naqqas il-veloċita tiegħu. Jidher wkoll qed jagħmel manuvra b'rasu biex jara jekk kinux ġejjin vetturi miż-żewġ naħiet opposti tat-triq qabel ħareġ aktar għal Triq ir-Ramla. Għall-Qorti dan huwa indikazzjoni ċara li l-akkużat kien moħħu hemm fis-sewqan tiegħu u li ħa l-prekawzjonijiet li kellu jieħu hekk kif qorob l-inkroċju ta' bejn iż-żewġ toroq;

(b) il-fatt li l-akkużat kien naqqas il-veloċita tiegħu jsib konferma fil-fatt li mal-impatt l-akkużat ma waqax minn fuq il-mutur tiegħu. Kompla jsuq u hekk kif intebaħ x'kien ġralu x-xufier l-ieħor, dar mill-ewwel u mar fejnu. Li kieku l-akkużat kien għaddej b'veloċita elevata, il-probabbilita kbira kienet tkun li huwa jaqa' wkoll minn fuq il-mutur u jispiċċa jitkaxkar għal diversi metri;

(c) Jimmy Said jidher joqrob l-inkroċju ta' bejn Triq ir-Ramla u Triq ix-Xemmiex b'veloċita elevata u fl-ebda ħin ma jidher jnaqqas din il-veloċita. Huwa ċar li Said baqa' għaddej bl-istess veloċita minkejja li kien qed joqrob dan l-inkroċju u minkejja li kien jaf li f'dan l-inkroċju ma kien hemm l-ebda stop signs li setgħu jindikaw min kellu d-dritta fuq min. Il-Qorti tqis li tenut kont il-

konfigurazzjoni tat-toroq minn fejn kien għaddej, Said kellu l-obbligu li jnaqqas il-veloċita tiegħu hekk kif qorob dan l-inkroċju u ma setax jassumi li kellu d-dritta u li għalhekk seta' jibqa' għaddej. La darba ma kien hemm l-ebda sinjal f'dan l-inkroċju jfisser li ż-żewġ toroq kienu ta' importanza ugwali u allura ma setax jitqies li xi triq minnhom kienet sekondarja għall-oħra. Skont kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **M'Nair vs Glasgow Corporation** *"If two vehicles are approaching each other at right angles, on intersecting roads, as a general rule the rights of each are equal* ***and each is bound to exercise reasonable care to avoid injury to the other****;"*[4] (Enfażi tal-Qorti). Il-Qorti għalhekk ma tqisx li Said eżerċita din id-dilġenza;

(d) aktar importanti minn hekk l-istess Said kellu l-viżwali ta' Triq ix-Xemmiex ostakolata kemm minħabba l-qasab li kien hemm kif wkoll minħabba vettura oħra li kienet parkeġġjata fil-kantuniera eżatt fl-inkroċju ta' bejn iż-żewġ toroq. Allura aktar u aktar kien jinkombi fuqu li huwa jnaqqas il-veloċita hekk kif wasal fl-inkroċju u ma kellux jibqa' għaddej bi dritt bl-istess veloċita.

Konsegwentement għalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-ewwel (1) imputazzjoni ma tirriżultax. Ikun inutili għalhekk li l-Qorti toqgħod tidħol fil-materja dwar in-natura tal-offiżi sofferti mill-parte civile f'dan l-inċident.

---

[4] (1923) S.C. 397. Ara wkoll Hutchison v. Leslie (1927) S.C. 95. Riportata fil-ktieb Dewar A. & Millner R. *The Trial of Motor Car Accident Cases*, 3rd Edition (1947).

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>**

F’din it-tieni akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat fil-ġurnata u l-ħin indikati saq il-mutur tiegħu tal-marka Kentoya Sinner bin-numru tar-reġistrazzjoni KCE 729 b’manjiera traskurata, perikoluża u bla kont. Tenut kont il-kunsiderazzjonijiet magħmula aktar ’l fuq f’din is-sentenza din il-Qorti ma ssibx x’tiċċensura fis-sewqan tal-akkużat. Il-Qorti ma tqisx li l-akkużat naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku, ħa riskji li ma kellux għalfejn jieħu jew inkella saq b’mod li ġie jaqa’ u jqum minn ħaddieħor. Għalhekk il-Qorti temmen li lanqas ma tista’ tinstab ħtija f’din it-tieni akkuża.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi **<u>il-Qorti mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Reġistratur**